Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

PUBLIC

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0296 (NLE)**

**13637/22**
**ADD 1**

**LIMITE**

**TRANS 646**
**COWEB 117**
**ELARG 84**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2023 |

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru … /2022**
**TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI**
**TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT**

**ta' …**

**dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport**
**għas-sena 2023**

PUBLIC

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 35 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[1] ĠU UE L 278, 27.10.2017, p. 3.

*Artikolu 1*

B'dan huwa adottat il-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2023, mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-regoli finanzjarji u l-proċeduri tal-awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, l-approprjazzjonijiet ta' linja baġitarja partikolari tal-baġit tal-2023 jistgħu jintużaw għall-finijiet li l-baġit jattribwixxi lil linja baġitarja oħra, fil-limitu totali ta' 10 % tal-approprjazzjonijiet tal-linja baġitarja msemmija l-ewwel. Dan ma għandux japplika għal-linja baġitarja li tikkonċerna l-baġit tar-riżorsi umani.

2. L-approprjazzjonijiet riportati biex jissodisfaw l-obbligi ffirmati fi tmiem l-2022, kif speċifikat fil-baġit mehmuż, ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-użu msemmi fil-paragrafu 1. Dawn ma għandhomx jitqiesu għad-determinazzjoni tal-ammont massimu li jikkorrispondi għal-limitu ta' 10 % imsemmi fih.

PUBLIC

*Artikolu 3*

L-approprjazzjonijiet li ma jkunux ġew impenjati fi tmiem is-sena finanzjarja 2022 għandhom jitħassru u jitħallsu lura lill-Partijiet f'konformità mal-perċentwali stabbiliti fl-Anness V tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u l-kontribuzzjonijiet propja mħallsa.

Magħmul nhar il-…, fi … 2022.

*Għall-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport*
*Il-President*

PUBLIC

BAĠIT TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT GĦAS-SENA 2023

| Linja baġitarja | | Ammont (EUR) |
|---|---|---|
| 1. | Segretarjat Permanenti | |
| 1.1. | Riżorsi Umani | 1 502 097 |
| 1.2. | Kostijiet tal-ivvjaġġar | 119 220 |
| 1.3. | Kostijiet tal-uffiċċju, tagħmir u software | 64 150 |
| 1.4. | Kostijiet u servizzi oħra, inkluż:<br>– Servizzi esternalizzati u servizzi oħra (Awditjar, Viżibilità, Taħriġ tal-persunal, Imposti bankarji)<br>– Kostijiet tal-Laqgħat u l-Konferenzi<br>– Kostijiet tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni<br>– Kostijiet tar-reklutaġġ | 543 117 |
| 1.5. | Studji, Assistenza teknika li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE u tal-Pjanijiet ta' Azzjoni[1] | 730 000 |
| | – Li minnhom, krediti ġodda | 510 000 |
| | – Li minnhom approprjazzjonijiet tal-baġit riportati li jikkorrispondu għall-obbligi ffirmati fi tmiem l-2022 li għalihom il-pagamenti huma dovuti fl-2023 | 220 000 |
| 2. | Kunsill Ministerjali | |
| 2.1. | Kostijiet tal-Laqgħat u l-Konferenzi | 28 000 |
| 3. | Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali | |
| 3.1. | Kostijiet tal-Laqgħat u l-Konferenzi | 18 560 |

1 L-ammont totali għandu jiġi ddeterminat mal-konklużjoni ta' proċeduri ta' akkwist u kuntratti ta' servizz iffirmati matul it-tielet trimestru tal-2022



PUBLIC

| Linja baġitarja | | Ammont (EUR) |
|---|---|---|
| 4. | Kumitati Tekniċi | |
| 4.1. | Kostijiet tal-Laqgħat u l-Konferenzi | 177 300 |
| 5. | Forum Soċjali | |
| 5.1. | Kostijiet tal-Laqgħat u l-Konferenzi | 10 800 |
| 6. | Kumitat tal-Baġit | |
| 6.1. | Kostijiet tal-Laqgħat u l-Konferenzi | 5 720 |
| Total ta' krediti ġodda (għajr ir-Riżerva tal-Baġit) | | 2 978 964 |
| Riżerva tal-Baġit (madwar 3 % ta' krediti ġodda) | | 81 036 |
| Krediti ġodda totali | | 3 060 000 |
| Ammonti totali riportat mill-2022 | | 220 000 |
| Total finali | | 3 280 000 |
| Kontribuzzjoni tal-UE (80 % ta' krediti ġodda) | | 2 448 000 |
| Kontribuzzjoni tal-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa (20 % ta' krediti ġodda: l-Anness V tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport jipprovdi d-distribuzzjoni skont kull pajjiż) | | 612 000 |

PUBLIC